MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2007

Numru. 929/2006

Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)

vs

Raymond Vella

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, Raymond Vella ta' 44 sena bin Anthony u Rosaria nee' Cauchi imwieled Mtarfa fil-5 ta' Jannar, 1962 u joqghod 'Rayden', 1, Triq Eugenio Borg, Hamrun, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 46862(M) gie mressaq quddiemha akkuzata talli fis-27 t' Awissu, 2006 u fil-Belt Valletta xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq, u cioe', numru ta' CDs ikkupjati, ai

termini ta’ la-rtikolu 298(1)(f) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza fosthom il-kunsens ta’ l-Avukat Generali datat 31 ta’ Awissu, 2006, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sarlu nhar l-5 ta’ Ottubru, 2007 *ai termini* ta’ l-Artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar il-5 ta’ Ottubru, 2007 ghall-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hatja, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.
Ghal finijiet ta’ piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat kif ukoll il-fatt li l-ammont ta’ *compact discs* ikkupjati kien relattivament zghir.

Ghaldaqstant, u wara li rat l-Artikolu 298 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara lill-imputat hati tal-akkuza kif minnu ammessa u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor sa zmien sentejn (2) millum.

Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska u d-distrizzjoni tac-CDs immarkati bhala Dok. Nru. MC3.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------